MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## MARK CHETCUTI

Seduta tat-28 ta' April, 2015

Rikors Numru. 680/2007

**Audrey Spiteri u**

**b'digriet tal-10 ta' Lulju 2014**

**il-kunjom Spiteri gie mibdul ghal dak ta' Schembri**

**bhala kunjom xbubitha wara l-annullament**

**taz-zewg bejn il-kontendenti**

**vs**

**Anton Spiteri**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni attrici tal-14 ta' Gunju 2004 li tghid hekk:

Peress li l-partijiet izzewgu fl-ghaxra (10) ta' Lulju tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

U peress li b'kuntratt fl-atti tan-Nutar John Patrick Hayman tal-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tal-istess sena, u cioe, ftit gimghat qabel iz-zwieg taghhom, gie ippubblikat kuntratt li permezz tieghu gie eskluz il-komunjoni tal-akkwisti bhala r-regime patrimonjali li kellu jirregola r-relazzjonijet patrimonjali bejniethom fiz-zwieg (DOK. A);

U peress li dan il-kuntratt huwa vizzjat peress li l-attrici resqet ghall-pubblikazzjoni tal-istess b'rizultat ta' qerq uzat mill-konvenut fil-konfront taghha u anke peress li l-attrici kienet fi zball, kif jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

U peress li ghalhekk, l-istess kuntratt ghandu jigi rexxiss ghall-finijiet u effetti kollha tal- ligi;

Ghaldaqstant ighid il-konvenut ghalhiex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ippubblikat minn-Nutar Dottor John Patrick Hayman fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju tas-sena elf, disa' mija u disgha u disghin (1999) (DOK. A) huwa affett mill-qerq adoperat mill-konvenut fil-konfront tal-attrici, u jew minnhabba li kien ir-rizultat ta' zball da parti tal-istess attrici.

2. Konsegwentement tirrexxindi u tannulla l-imsemmi kuntratt ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez - inkluzi dawk tal-mandati ta' sekwestru mahrugin kontra l-konvenut numri 2105/03 PA u 13/2004 PA kontra l-konvenut ingunt minn issa stess in subizzjoni.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenut kif ukoll l-eccezzjonijiet ulterjuri tieghu li jghidu hekk:

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghandhom ghalhekk jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attrici, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

1. Illi in linea preliminari, qed tigi eccepita l-inkompetenza rationae materiae ta' dina l-Onorabbli l-Qorti, in kwantu mertu simili kien, u baqa', kompetenza tal-Qorti Civili (Prim' Awla);

2. Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, assolutament mhux minnu li l-kuntratt de quo huwa vizzjat, kif qed tallega l-attrici, stante li l-eccipjent qatt ma qarraq biha;

3. Illi l-anqas ma huwa l-kaz li l-attrici kienet fi zball, stante li kienet ben konxja tal-import li kien ser ikollu l-kuntratt de quo;

4. Illi in ogni caso, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-attrici trid iggib prova sodisfacjenti in sostenn tal-allegazzjonijiet serji taghha, li jiggustifikaw ir-rexissjoni tal-kuntratt;

5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

L-eccezzjonijiet ulterjuri:

1. L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza, imqarr fl-appell a bazi tal-artikolu 2111 tal- Kodici Civili (Kap. 16).

2. Il-preskrizzjoni ta' sentejn ghal rexxissjoni tal-kuntratt a bazi tal-artikolu 1222(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16).

Rat l-atti, ir-rapport tal-espert legali, l-eskussjoni li saritilha kif ukoll in-noti tal-sottomissjonijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Din hi kawza fen l-attrici, li fiz-zmien li saret il-kawza kienet fi proceduri ta' separazzjoni personali minn zewgha l-konvenut, qed titlob lil Qorti sabiex jigi dikjarat li l-kuntratt ta' separazzjoni tal-beni li sar bejn il-kontendenti fil-21 ta' Gunju 1999 atti nutar Patrick Hayman (cioe ftit gimghat qabel iz-zwieg tal-kontendenti) kien ivvizjat b'qerq adoperat mill-konvenut fil-konfront taghha u/jew zball da parti tal-istess attrici.

Dawn huma l-parametri tal-azzjoni u l-Qorti hi marbuta li tiddeciedi biss in linea ma' dak mitlub cioe jekk il-kunsens tal-attrici ghal kuntratt in kwistjoni kienx affett minn qerq jew zball u xejn izjed. In oltre l-Qorti tirreleva illi z-zewg kawzali tal-qerq u zball jistghu jigu intavolati flimkien billi ma hemm ebda inkompatibilita bejniethom (ara f'dan is-sens **Philip Borg Cardona et vs EFW Limited et**, PA 08/10/2004).

Stabbilit dan wiehed irid jezamina l-fatti u jekk dawn il-fatti iwasslux ghal konvincement ta' din il-Qorti illi ezista wiehed jew iz-zewg elementi allegati li jwasslu ghal vizzju tal-kunsens.

**Vizzju tal-kunsens minhabba qerq**

L-artikolu 981 tal-Kap. 16 jipprovdi hekk:

1. L-ghemil doluz huwa motiv ta' nullita ta' ftehim meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali li minghajrhom il-parti l-ohra ma kinitx tikkuntratta;

2. L-ghemil doluz ma jistax jigi prezunt imam ghandu jigi ippruvat.

Kwindi l-elementi li trid tipprova l-attrici biex iwasslu ghal vizzju tal-kunsens minhabba qerq huma erba cioe:

a. illi jithaddmu mezzi jew atti qarrieqa u allura l-intenzjoni li parti tqarraq bl-ohra;

b. l-atti jkunu gravi;

c. li jkunu determinanti biex isir il-kuntratt;

d. li l-qerq ikun sehh bil-partecipazzjoni attiva jew passiva tal-parti l-ohra.

F'dan il-kaz il-Qorti tirrileva mill-ewwel illi l-kuntratt mertu ta din l-azzjoni hu wiehed semplici.

> "The parties hereon declare that they intent [recte: intend] to contract marriage between them, and are desirous of excluding the regime of the Community of Acquests for their marriage that would otherwise be operative.

> "Now, therefore, in virtue of this deed, the said husband and the said wife do hereby exclude the Community of Acquests for their forthcoming marriage for all effects and purposes of Law, with effect from the date of their ,said marriage, so that all acquesis made by the husband subsequent to their getting married shall appertain solely and exclusively to the husband, whilst all acquests made by the wife subsequent to their getting married shall appertain solely and exclusively to the wife, and all acquets made jointly by the husband and wife subsequent to their getting married shall appertain jointly to the husband and wife. All acquests made by the respective party prior to the said marriage appertain to the party that acquired them and this according to Law".

Qari ta' dan il-kuntratt semplici miktub b'Ingliz li jiftiehem jaghti indikazzjoni cara ta' dak li kien jimporta l-kuntratt. L-attrici tallega illi hi giet indotta tahseb minn dak li kien ser ikun zewgha illi l-kuntratt kien jirreferi biss ghal proprjeta fil-Belt, Valletta appartenenti tal-konvenut u li dwaru hasbet li l-kuntratt kien qed isir biex jeskludiha minn kull dritt fuqu. Il-Qorti ma fehmitx ghaliex l-attrici giet indotta tahseb hekk peress illi inkien fil-kuntratt ma tissemma l-proprjeta tal-Belt, anzi l-kliem uzat hu wiehed generali ghal proprjeta kollha. Dan il-kuntratt sar quddiem nutar li ghalkemm maghzul mill-konvenut ma ghandux ifisser li b'xi mod kellu xi partecipazzjoni attiva jew passiva fil-qerq allegat. Del resto anki ghal grazzja tal-argument biss is-sehem ta' terza persuna mhix bizzejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta' persuna jkun gie mehud b'qerq (ara **George Portelli vs Ivan John Felice**, PA 27/07/2004). Din il-Qorti ma ghandhiex dubju li kuntrarjament ghal dak li tallega l-attrici, in-nutar qara l-kuntratt u spjega l-kontenut li fih innifsu kien wiehed qasir u semplici fis-sinifikat tieghu. Ma hemmx prova li n-nutar ma qeghdiex dmiru kif trid il-ligi ghalkemm sfortunatament ma setax jiddefendi l-unur professjonali tieghu ghax kien miet qabel seta' jixhed.

L-attrici ma tispjegax ezattament fejn qarraq biha l-konvenut ghaliex ghalkemm jista' jkun, kif tallega l-attrici, il-konvenut kien persuna dominanti u kontrollanti u kien gia kellu esperjenza ta' zwieg li gie annullat, dan wahdu ma jwassalx ghal prova ta' atti frawdolenti li inducew lil attrici tiffirma l-kuntratt. Jirrizulta mill-provi, li l-Qorti mhix ser toqghod tirrepetihom ghax huma ben riassunti fir-rappot peritali tal-avukat Ramona Frendo, illi l-attrici hi persuna ta' skola u mhux hekk biss, izda kienet tahdem fl-ambjent legali, kemm fil-Qorti u f'ufficju ta' prattikanti legali. Zgur li l-attrici ma tistax tghid ghalhekk illi dan il-kuntratt maghmul b'daqshekk kjarezza semplici seta' kien il-frott ta' qerq prattikat fuqha mill-futur zewgha. Hi sottomissjoni semplicistika hafna da parti tal-attrici li ma fehmitx l-import tal-kuntratt ghax il-konvenut kien gidbilha dwar l-import tal-kuntratt. Anki jekk jigi skartat ghal grazzja tal-argument biss, id-dover tan-nutar li jispjega u jaqra l-kontenut tal-kuntratt qabel jigi iffirmat

ma jistax ikun hemm qerq meta l-fatti setghu jigu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta zejda, altrimenti l-allegazzjoni tal-qerq tkun arma facli biex wiehed jahrab mill-obbligazzjonijiet assunti (ara **Portelli vs Felice** gia imsemmija u **Joseph Zammit noe vs Joseph Fenech et**, PA 04/03/2004). F'dan il-kaz ma kien hemm xejn li jzomm lil attrici milli tikkonfronta lin-nutar dwar ir-raguni ghaliex fil-kuntratt li kienet ser tiffirma ma kinitx tissemma' l-proprjeta tal-Belt li kien, skond hi, l-iskop tal-eskluzjoni kontrattwali. Setghet kieku riedet talbet parir qabel ma ressqet ghal kuntratt li kienet haga facli ghaliha essendo tahdem fl-ambjent legali. Anki jekk l-attrici kienet moghmija mill-asserzjoni tal-konvenut li l-kuntratt kien ser jeskludi biss il-proprjeta tal-Belt mill-komunjoni tal-akkwisti, in-nuqqas taghha li tiehu dawk il-passi biex tkun konsapevoli dwar il-pozizzjoni u konsegwenzi legali ta' kuntratti fejn jikkoncernaw il-komunjoni tal-akkwisti jew l-eskluzjoni taghha hi xejn ghajr negligenza li mhix sostitwibbli b'allegazzjoni ta' qerq. Anki l-allegazzjoni attrici li l-konvenut qalilha li jekk ma jsirx il-kuntratt ma jizzewwigx ma jirrendix il-kunsens null minhabba qerq. Ma hemm ebda qerq f'din l-allegazzjoni izda semmai raguni ghaliex l-attrici setghet kieku riedet ghazlet li ma tizzewwigx u mhux tiffirma kuntratt b'ghajnejha miftuha.

Il-Qorti izzid li dato non concesso l-konvenut ma kienx car ghal ahhar maghha dwar dik li kellu f'mohhu u forsi qalilha nofs diskors, mhux kull ingann iwassal ghal qerq. Il-qerq irid ikun serju u gravi li ma jhallix lil kontraent l-iehor l-indipendenza u l-volonta libera tad-decizjoni li jkun qed jiehu. Dan ma irrizultax f'din il-kawza u jekk l-attrici kienet kredibbli izzejjed bla ma ivverifikat il-pozizzjoni legali taghha ghaz-zwieg li kienet diehla fih, kif setghet taghmel fi kwalsiasi hin qabel iffirmat il-kuntratt, allura japplika ghaliha l-massima 'imputet sibi' u l-attrici ma jisthoqqilha ebda protezzjoni tal-ligi.

Ghalhekk l-azzjoni ibbazata fuq vizzju ta' kunsens minhabba qerq mhix sostenibbli.

**Vizzju tal-kunsens minhabba zball**

L-artikolu 976 tal-Kap. 16 ighid:

1. L-izball dwar il-fatt ma jgibx in-nullita tal-kuntratt hlief meta jaqa' fuq is-sustanza infisha tal-haga li tkun l-oggett tal-ftehim.

L-attrici tallega li hi fehmet li l-kuntratt kien ser jiskludiha biss mill-proprjeta tal-Belt appartenenti tal-konvenut u l-qligh li jsir minnu, kif ukoll mid-djun li seta' jaghmel zewgha tul iz-zwieg. Ghal bqija kienet ser tapplika r-regim tal-komunjoni tal-akkwisti. L-attrici tghid li hi ma talbet ebda parir legali qabel iffirmat.

Il-Qorti, apparti li terga' tirreferi ghal konsiderazzjonijet li gia ghamlet fuq il-vizzju minhabba l-qerq, tqis illi josta ghal din it-talba attrici l-element baziku cioe li l-izball irid ikun skuzabbli u jekk kawzat minn negligenza tal-parti li qed tressaq l-allegazzjoni l-azzjoni ma tistax tirnexxi. Kawza simili fl-ismijiet **PL Adrian Borg noe vs Godrey Grima noe et**, PA 03/06/1994, intqal hekk:

> Fil-fehma tal-Qorti l-kontestazzioni tal-konvenut hija "sui generis" ghax jippretendi illi haddiehor, il-parti kontraenti l-ohra, tiehu hsieb l-interessi tieghu iktar milli jiehu hu stess. Il-konvenut jaf jikteb u jaqra u xehed illi meta ffirma l-garanzija hu lanqas ma qraha. Jghid ukoll illi hadd ma qrahielu, pero lanqas ma jghid illi almenu indenja ruhu jistaqsi lil xi hadd jaqrahielu! Id-difett tal-kunsens irid ikun skuzabbli ghax inkella l-konvenut huwa responsabbli ghan-negligenza tieghu u mhux lecitu illi ghax il-konvenut iffirma bla ma qara d-dokument ghandu jiehu xi vantagg mit-traskuragni tieghu stess biex b'hekk jevadi l-obbligi kontrattati minnu mal-parti kontraenti l-ohra.

Il-Qorti tqis illi l-attrici kellha kull liberta u opportunita li thares l-interessi patrimonjali u konjugali taghha qabel ma iffirmat il-kuntratt in kwistjoni u n-nuqqs taghha bl-ebda mod ma hu skuzabbli u ma ngiebet ebda prova li fil-mument li sar il-kuntratt hi ma kellhiex il-liberta jew l-opportunita li tivverifika l-fatti sew qabel tiffirma. Ma jirrizultax lil din il-Qorti illi d-diskors dwar il-kuntratt sar bejn il-partijiet dak il-hin ghand in-nutar. Il-konvenut ighid li bejn li sar id-diskors fuq il-kuntratt bejnu u l-attrici u marru ghand in-nutar ghaddiet gimgha u l-attrici tghid xi gimghatejn u nofs fejn allura l-attrici kellha kull opportunita li tivverifika l-pozizzjoni legali dwar il-komunjoni tal-akkwisti u s-separazzjoni tal-beni. L-asserzjoni taghha li min ghalija li wara z-zwieg kollox kien ser jappartjeni lit-tnejn ma tirrendix l-izbal, jekk hu zball, bhala wiehed li hu skuzabbli. Dan jinghad b'enfasi dwar l-edukazzjoni u impjieg tal-istess attrici, is-semplicita u kjarezza tal-kuntratt u li f'kaz ta' dubju l-attrici setghet facilment talbet li tahsibha sew u tiehu parir fuq il-kontenut ta' dak li irrediga n-nutar.

Ghalhekk ghal din ir-raguni biss l-azzjoni attrici bazata fuq zball ma tistax tirnexxi.

**Preskrizzjoni**

Il-Qorti hasset illi qabel timbarka fuq din l-eccezzjoni preliminari kellha tidhol fil-mertu tal-azzjoni infisha billi l-partijiet iddedikaw hafna mill-isforzi taghhom fuq il-fatti li waslu ghal kuntratt li intalab li jigi rexiss u ghalhekk kellha taghti debita konsiderazzjoni ghal dan l-isforz li sar mill-partijiet li iggustifikaw il-pozizzjoni li hadu fuq il-mertu.

B’dankollu la darba tqajmet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-konvenut din trid tigi investigata u deciza. Il-konvenut ighid li l-azzjoni attrici hi perenta ai termini tal-artikolu 1222(1) tal-Kap. 16 li tghid li l-azzjoni ghar-rexxisjoni minhabba vjolenza, zball, ghemil doluz, ecc., taqa’ bil-preskrizzjoni gheluq sentejn. L-attrici tilqa’ ghal din l-eccezzjoni bl-artikolu 1223 tal-Kap. 16 li tghid li z-zmien, f’kaz ta’ zball jew ghemil doluz jibda jghodd biss minn dakinhar li jinkixef id-difett. L-attrici tallega illi saret taf li l-kuntratt iffirmat minnha fl-1999 kien attwalment kuntratt ta’ separazzjoni tal-beni meta spjegatilha l-konsulent legali taghha f’Dicembru 2003 u l-proceduri odjerni inbdew fl-14 ta’ Gunju 2004.

Il-Qorti tqis din l-eccezzjoni bhala infondata fid-dritt. L-artikolu 2123(a) tal-Kap. 16 hu kategoriku li preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-mizzewgin. Dan l-artikolu hu wiehed ezawrjenti u sakemm hemm zwieg il-preskrizzjoni ma tistax tigi invokata min parti kontra l-ohra, ghax hi sospiza u dan irrispettivament jekk bejn il-mizzewgin hemmx is-separazzjoni tal-beni jew il-komunjoni tal-akkwisti u sahansitra anki fejn hemm separazzjoni ghaliex il-ligi tispecifika li l-preskrizzjoni ma tghaddix bejn il-mizzewwgin sic et sempliciter (ara f’dan is-sens **Sammut vs Ciarlo**, App Civ 30/05/2014).

Il-Qorti izzid illi l-artikolu 20 tal-Kap. 255 jiddikjara illi nonostante dikjarazzjoni gudizjarja ta’ annullament ta’ zwieg l-effetti naxxenti minn zwieg validu jibqghu ezistenti sad-data li l-annullament isir res judicata. Dan ifisser illi ghal finijiet tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni irid jittiehed kont tal-mument li ghalih qed tirreferi l-eccezzjoni u dan jirrizulta li qed jigi invokat ghal perjodu fejn iz-zwieg kien ghadu validu u kwindi jipproduci l-effetti tieghu bil-konsegwenzi kollha marbuta ma’ zwieg validu skond il-ligi. Id-dikjarazzjoni gudizjarja tal-annullament ma jhassarx dawn l-effetti.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imqajma mill-konvenut, tilqa’ l-eccezzjonijiet fil-mertu tal-istess konvenut, u konsegwentement tichad it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra taghha.

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------